MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Numru. 33/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Jason Agius**

**vs**

**Frankie Farrugia**
**Mark Magro**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Frankie Farrugia ta’ 26 sena, bin Carmelo u Maria Assunta nee’ Debono, imwieled Pieta’ fit-12 ta’ Ottubru 1981 u residenti ‘St. Anthony’, Triq it-Telleritu, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita’ numru 565081(M) u l-imputat Mark Magro ta’ 31 sena, iben Anthony u Marianna nee’ Cassar, imwieled Pieta’ fit-23 ta’ Settembru 1976 u residenti 17, Triq Sant’ Andrija, Luqa u detentur

tal-karta tal-identita' numru 468376(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

B' diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jew fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u cioe serq, jkunu gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda, ikkommettew diversi atti ta' serq; u aktar talli

Fis-6 ta' Jannar 2008, mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta limiti ital-Gudja, ikkommettew serq ta' diversi oggetti liema reati ta' serq huma aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin ewro u seba u tletin cent, bil-persuna u bil-hin.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' Jannar 2008 (esebit *a folio* 19 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2008 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fid-9 ta' Jannar 2008 is-Security Services Manager tal-Malta International Airport ircieva ittra minghand Gordon Ransley ghan-nom ta' Servisair Globe Ground (kopja inserita a fol. 32) liema ittra giet ikkupjata lill-ufficjal prosekutur l-Ispettur Jason Agius fejn huwa gie infurmat li huma kienu rcevew ilment minghand Ryanair Luton li hafna passigiera li kienu vjaggaw fuq it-titjira FR3882 minn Malta ghal Luton fis-6 ta' Jannar 2008 kienu sabu diversi oggetti neqsin mill-bagalji taghhom u l-MIA giet mitluba tindaga. Mix-xhieda tal-Ispettur Jason Agius

jirrizulta li meta il-Pulizija u s-security personnel tal-Malta International Airport raw it-tape recording tas-CCTV camera li hemm fis-sorting room raw lil certu Kirsten Falzon li kien jahdem bhala loader qed ibaghbas diversi bagalji li kienu ghal fuq dan il-flight. Fid-9 ta’ Jannar huma ghalhekk regghu osservaw lill-imsemmi Kirsten Falzon qed jghabbi il-bagalji u qabduh filf-fatt qed jisraq flixkun fwieha mnn bagalja. Meta dan Kirsten Falzon gie interrogat mill-Pulizija huwa sostna li kien ghadu jibda dan ix-xoghol u qal li fl-4 ta’ Jannar 2008 loader iehor, certu Frankie Farrugia, kien avvicinah u talbu jgiblu flixkun fwieha u meta huwa staqsih minn fejn kellu jgib il-fwieha Farrugia spjegalu li kellu jiftah il-bagalji u jiehu l-fwieha. Falzon irrakkonta lil Pulizija li wara li spicca x-xoghol tac-checkng in tal-bagalji mar hdejn il-hold tal-ajruplan li kien sejjer ghal Luton fejn kien hemm iz-zewg imputati odjerni qed jghabbu il-bagalji ghal gewwa l-hold tal-ajruplan u huwa ra lill-imputat Frankie Farrugia jiftah il-bagalji li ma kellhomx katnazz, iqalleb fihom u rah jiehu xi cameras u pocket bil-flus. Wara li spiccaw jghabbu l-ajruplan iz-zewg imputati u Kirsten Falzon marru fir-rest room tal-loaders u Kirsten Falzon qal lil Pulizija li huwa kien ra lil Magro u Farrugia jaqsmu il-flus bejniethom u ra lil xi hadd minnhom, li ma jiftakarx min kien, jiehu wahda mill-cameras li kienu ttiehdu minn fuq l-ajruplan. Falzon qal lil Pulizija li huwa imbaghad inghata zewg cameras minn Frankie Farrugia u dan sabiex izomm halqu maghluq u ma jikxifx. Falzon sostna li huwa qal lil Farrugia li kien qed jibza johrog dawn iz-zewg cameras u ghalhekk Farrugia hariglu wahda minnhom u huwa hareg l-ohra u huma mbaghad iltaqghu barra fejn l-imputat Frankie Farrugia ghaddielu l-camera u rega’ qallu sabiex ma jghid xejn. Dawn iz-zewg cameras li jinsabu esebiti in atti u huma mmarkati bhala Dok. AD1 instabu fir-residenza ta’ Kirsten Falzon meta saret tfittxija mill-Pulizija. Il-Pulizija ghamlet ukoll tfittxija fir-residenzi ta’ Magro u Farrugia izda din irrizultat fin-negattiv. Kirsten Falzon tressaq il-Qorti akkuzat bis-serq tal-fwieha u tal-oggetti li nstabu fil-pussess tieghu u huwa ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu skond ma jirrizulta mill-kopja tas-sentenza li tinsab esebita a fol. 35 tal-process.

Ikkunsidrat:

Illi Kirsten Falzon xehed f’dawn il-proceduri f’zewg okkazzjonijiet, l-ewwel darba waqt l-udjenza tal-20 ta’ Gunju 2008 (xhieda relattiva inserita a fol. 51 sa 55 tal-process) u t-tieni darba in kontro-ezami waqt l-udjenza tat-8 ta’ Mejju 2009 (xhieda relattiva inserita a fol. 84 sa 92 tal-process) fejn huwa spjega li f’Jannar 2008 meta kien ilu xahrejn jahdem bhala loader l-imputat Frankie Farrugia kien talbu fllixkun fwieha u meta huwa ofrielu l-ispray personali tieghu dan baqa’ jinsisti li jrid flixkun fwieha u qallu li kellu jfittex fil-bagalji sabiex isib dan il-flixkun fwieha. Huwa qal li fil-fatt hekk ghamel u spjega li kien ghadda il-flixkun tal-fwieha lil Frankie Farrugia izda wara xi jumejn dan qallu lli l-fwieha ma kienx joghgbu u talbu jerga’ jaghmel l-istess haga. Kirsten Falzon irrakkonta wkoll li kien hemm okkazzjoni fejn il-gurnata kienet il-Hadd u huwa kien qed jaghmel xoghol ta’ uploading flimkien mal-imputati Frankie Farrugia u Mark Magro fejn kienu qed itellghu il-bagalji fuq l-ajruplan u fejn xi hadd miz-zewg imputati, li Falzon l-ewwel jghid li ma jiftakarx min kien izda sussegwentement jirrepeti ghal aktar minn darba li kien l-imputat Frankie Farrugia, beda jiftah il-bagalji u jiehu oggetti bhal cameras, fliexken tal-fwieha u flus mill-bagalji. Falzon xehed ukoll li wara li spiccaw jghabbu l-ajruplan marru fil-kamra tal-loaders u Frankie Farrugia beda’ johrog l-affarijiet li kien ha mill-bagalji li kienu tlett cameras, xi flixken tal-fwieha u xi flus kontanti u z-zewg imputati qasmu l-flus bejniethom, xi hadd minnhom ha wahda mill-cameras u lilu Frankie Farrugia tah zewg cameras sabiex jaghlaq halqu u ma jghid xejn. Falzon xehed ukoll li ma jiftakarx jekk lill-imputat Magro rahx ifittex fil-bagalji u meta gie suggerit lilu jekk setghax ikun il-kaz li Farrugia ghadda l-flus lil Magro sabiex huwa wkoll ma jghid xejn, huwa rrisponda li jista’ jkun il-kaz.

Iz-zewg imputati it-tnejn irrilaxxjaw zewg stqarrijiet kull wiehed (esebiti a fol. 36 sa 46) fejn dejjem innegaw li kienu hadu xi affarijiet mill-bagalji jew li altrimenti kienu komplici f’tali serq.

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz il-Pulizija qed tibbaza l-kaz taghha kontra z-zewg imputati fuq ix-xhieda ta’ Kirsten Falzon. Il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza fir-rigward ta’ din ix-xhieda u cioe’ li tenut kont li dan ix-xhud jista’ jitqies bhala komplici maz-zewg imputati, huwa fil-fatt gie mressaq u misjub hati fuq akkuzi identici ghal dawk migjuba kontra l-imputati Farrugia u Magro fil-kaz odjern, il-Qorti ghandha tezamina x-xhieda tieghu b’certu kawtela. Fil-fatt il-Qorti ezaminat ix-xhieda tieghu taht lenti aktar qawwija u b’aktar reqqa. Il-Qorti jidrilha li mix-xhieda ta’ Falzon tirrizulta reita’ biss fil-konfronti tal-imputat Frankie Farrugia. Ghalkemm Falzon ghall-ewwel jghid li ma jafx liema wiehed miz-zewg imputati kien qed jiftah il-bagalji u jiehu l-affarijiet sussegwentement isemmi biss lil Farrugia u l-Qorti ghalhekk m’ghandhiex dubju li fil-fatt l-imputat Frankie Farrugia kien qed jiftah il-bagalji u jiehu l-affarijiet kif sostna Falzon. Dan tal-ahhar izda fl-ebda hin ma jsemmi b’mod specifiku li ra lil Magro jiehu xi haga mill-bagalji u meta jghid li fil-kamra tal-loaders kien ra liz-zewg imputati jaqsmu l-flus bejniethom huwa ma jeskludix li Magro seta’ wkoll kien qed jinghata l-flus sabiex ma jghid xejn dwar dak li ra. Il-Qorti jidrilha li l-anqas ma tezisti l-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Mark Magro seta’ kien komplici ma Farrugia fis-serq tal-oggetti mill-bagalji.

Il-Qorti sejra ghalhekk issib lill-imputat Frankie Farrugia hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu izda peress li l-istess akkuzi ma jistghax jinghad li gew pruvati sal-grad rikjest mill-ligi fil-konfronti tal-imputat Mark Magro huwa mhux ser jigi misjub hati tal-istess akkuzi.

L-imputat Frankie Farrugia jinsab akkuzat b’serq aggravat bil-mezz, bil-hin, bl-persuna u bil-valur izda fil-fehma tal-Qorti mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni jirrizultaw biss l-aggravji tal-persuna, tal-valur izda mhux dawk tal-mezz u tal-hin.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat Frankie Farrugia ghandu fedina penali tista’ tghid netta u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi m’ghandhiex timponi

piena karcerarja effettiva u sejra ghalhekk tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 31,261 267, 268, 279 u 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Frankie Farrugia hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu izda limitatament ghal serq aggravat bil-valur u bil-persuna u mhux ghal serq aggravat bil-hin u bil-mezz u tikkundannah tnax (12) il-xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta’ sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Mark Magro mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputat Frankie Farrugia sabiex sa zmien xahar(1) minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ mija u tlieta u erbghin ewro u ghoxrin ewro centezmu (€143.20) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------